REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 726/2014

tat-30 ta' Ġunju 2014

li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 fir-rigward tal-kwoti tariffarji tal-Unjoni ġdida għal aringi ppreparati li joriġinaw fin-Norveġja

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 992/95 tad-10 ta' April 1995 li jintroduċi u li jipprovdi għall-amministrazzjoni tal-kwoti tat-tariffi tal-Komunità għal ċerti prodotti tas-sajd u tal-agrikoltura li joriġinaw fin-Norveġja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(1)(b) tiegħu,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2014/343/UE ([2]), l-iffirmar u l-applikazzjoni provviżorja ta' Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Renju tan-Norveġja konsegwenti għall-adeżjoni tar-Repubblika tal-Kroazja mal-Unjoni Ewropea ġie approvat

(2) Il-Protokoll Addizzjonali jipprovdi għal kwota tariffarja ġdida għar-rilaxx għal ċirkolazzjoni libera fl-Unjoni Ewropea ta' ċerti aringi ppreparati li joriġinaw fin-Norveġja.

(3) Huwa meħtieġ li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 992/95 sabiex tiġi implimentata l-kwota tariffarja l-ġdida.

(4) Il-kwota tariffarja l-ġdida għandha tapplika għal perjodu ta' 12-il xahar. Skont id-Deċiżjoni 2014/343/UE, dan għandu japplika minn dakinhar tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll Addizzjonali. Dan ir-Regolament għandu għalhekk jibda japplika mill-istess data.

(5) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Dan li ġej jiżdied mal-Anness għar-Regolament (KE) Nru 992/95:

"09.0859	ex 1604 12 91 ex 1604 12 99	10 11 19	Aringa, imħawra u/jew ippriservata fil-ħall, fis-salmura	Mill-1.8.2014 sat-31.7.2015	1 400 tunellata netti mingħajr likwidi.	0"

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Awwissu 2014.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ġunju 2014.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

([1]) ĠU L 101, 4.5.1995, p. 1.
([2]) ĠU L 170, 11.6.2014, p. 3